10 ta' Gunju, 1965

Imħallef:

l-Onor. Dr. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.

Emmanuele Calleja

versus

Joseph Grech

Kjarezza fiċ-ċitazzjoni — Bejgħ — Azzjoni Redibitorja — Riżoluzzjoni — Inadempjiment — Rexxissjoni — Vizzju tal-Kunsens — Żball — Nuqqas ta' kwalità pattwita — Konsenja — Patt Kommissorju taċitu — Annullabilità — Kollawdo — Art. 1440, 1019, 1109, 1111, 1112, 1440 tal-Kodiċi Ċivili.

L-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ minħabba inadempjenza tista' tiġi tentata b'suċċess, anki wara l-konsenja tal-ħaġa fuq bażi tal-Patt Kommissorju taċitu tipiku għall-kuntratti bilaterali kollha.

Però l-azzjoni taħt l-artikolu 1440 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tiġi tentata jekk diġà saret efettivament il- konsenja. Dan l-artikolu (li ma jirrikorrix fil-Kodiċi Ċivili Franċiż jew Taljan) jagħti lill-kompratur sa l-aħħar mument qabel il-konsenja opportunità li jirripudja l-kuntratt ġia perfezzjonat u jikkanċellah minħabba d-differenza fil-kwalità promessa.

Meta r-riżoluzzjoni ma tiġix espressament pattwita l-Qorti tista' tagħti żmien xieraq biex il-parti tadempixxi l-obbligazzjoni tagħha.

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li huwa xtara mingħand il-konvenut speed boat b'magna Ford 10 h.p. numru S221 bil-prezz ta' erba' mija u ħamsa u sittin lira (£465) li l-istanti ħallas lill-konvenut in kwantu

għal mitejn u ħamsin lira (£250) flus kontanti, in kwantu għal ħamsin lira (£50) li ġew kompensati ma' parti tal-kreditu ta' disa' u ħamsin lira, sitt xelini u disgħa soldi (£59.6.9) li l-attur kellu jieħu mingħand il-konvenut għall-prezz ta' materjal ta' elettriku u in kwantu għal bqija l-istanti assenjalu "outboard motor" Mercury 22 h.p. bir-"remote control" ġdid. Peress li din li speed boat mhix skond il-pattijiet miftehmin bejn il-kontendenti; peress li l-konvenut interpellat b'ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju, 1961, irrifjuta li jieħu lura din li speed boat u jirrestitwixxi l-prezz lilu mħallas; peress li l-attur b'ċedola tas-26 ta' Lulju, 1961, iddeposita din l-ispeed boat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti;

Wara li tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni neċessarja u jekk hemm bżonn dik li d-depositu ta' l-ispeed boat magħmul biċ-ċedola fuq imsemmija, huwa validu u legali, u wara li jiġi mogħti kull provvediment opportun;

Talab li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat resolut il-bejgħ ta' li speed boat fuq imsemmi, u konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat iħallas u jirrestitwixxi lill-attur is-somma mitejn u ħamsin lira (£250) imħallsa mill-istanti bħala parti tal-prezz fuq imsemmi u jirrestitwixxi lill-attur l-"outboard motor" Mercury 22 h.p. bir-remote control ġdid fi żmien li jiġi lilu fissat mill-Qorti. L-instanti jirriserva d-dritt li jaġixxi kontra l-konvenut għall-pagament tal-valur reali ta' li stess "outboard motor" f'każ ta' nuqqas ta' restituzzjoni kif ukoll għall-pagament ta' disgħa u ħamsin lira, sitt xelini u disgħa soldi (£59. 6s. 9d. kreditu tal-attur kontra l-konvenut għall-prezz ta' materjal ta' elettriku peress li l-kumpensazzjoni ta' ħamsin lira (£50) parti tal-prezz ma parti mill-kreditu ta' £59. 6s. 8d fuq imsemmi tibqa' mingħajr *effett in* vista ta' reżoluzzjoni tal-bejgħ ta' l-ispeed boat mitlub b'din iċ-ċitazzjoni. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali u taċ-ċedola ta' depożitu fuq imsemmija *kontra*

l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u n-nota tax-xhieda:

Rat a fol. 7 in-nota tal-eċċezzjoni tal-konvenut li biha qal li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda billi l-ispeed boat in kwistjoni ġiet pruvata u kollawdata mill-attur qabel ma ħadha u fi kwalunkwe każ ma jidherx ċar liema azzjoni qiegħed jeżerċita l-attur u huwa jirriserva kwalunkwe eċċezzjoni oħra malli l-attur jispeċifika l-pretenzjoni tiegħu; b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra.

OMISSIS:

Ikkunsidrat:—

L-ewwel indaġini tal-Qorti tirrigwarda n-natura eżatta tal-azzjoni intentata għax il-konvenut eċċepixxa li l-azzjoni m'hix ċara, eċċezzjoni li kieku kellha tiġi akkolta, twassal għall-liberazzjoni "ab observantia" (art. 155 u 792 (1) (d) Kodiċi Proċedura Ċivili). Fid-dikjarazzjoni tiegħu imbagħad issuġġerixxa li hija l-azzjoni edilizja magħrufa bħala redibitorja. Kieku kien hekk, l-attur forsi ma kienx fit-terminu. Iżda biex l-azzjoni tiġi identifikata bħala r-redibitorja trid tkun bażata fuq il-kawżali tal-vizzju okkult mentri l-unika kawżali li toħroġ mit-terminu taċ-ċitazzjoni hija dik li l-ispeed boat in kwistjoni "mhix skond il-pattijiet miftehmin". Għalhekk huwa ċar li l-azzjoni mihiex l-edilizja imma waħda mill-azzjonijiet kontrattwali;

Għalkemm f'dan il-każ kien faċili li wieħed jiddistingwi bejn l-azzjoni edilizja u l-azzjoni kontrattwali mhux daqshekk faċili tiddistingwi fost l-azzjonijiet kontrattwali bejniethom. Din id-distinzjoni tista', in ġenerali, tkun ta' importanza prattika mhux biss minħabba t-terminu differenti li fihom id-

diversi azzjonijiet kontrattwali konċepibbili jistgħu jiġu esperiti imma anke minħabba l-konsegwenzi differenti li jista' jkollhom.

Fl-każ sotto eżami hemm tlett azzjonijiet kontrattwali li jistgħu jiġu prospettati, u l-Qorti trid tiddeċiedi liema minnhom l-attur qiegħed jeżerċita, ċioè hux l-azzjoni għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba inadempiment, jew l-azzjoni tal-annullament, jew rexxissjoni tal-kuntratt minħabba vizzju ta' kunsens jew żball fuq is-sostanza jew il-kwalitajiet essenzjali tal-ħaġa, jew, fl-aħħar lok, l-azzjoni taħt l-artikolu 1440 tal-*Kodiċi Ċivili li*, meta l-ħaġa ma tkunx tal-kwalità promessa tagħti *lix-xerrej* l-għażla bejn li *jirrifjuta* l-ħaġa u jitlob id-danni jew *li jirċeviha bi prezz ridott* fuq stima ta' periti. Kieku l-azzjoni *hija din it-tielet* waħda jkun ċar li l-attur għażel l-ewwel alternativa.

Jekk tiġi aċċettata, kif ma jidhirx li hemm dubju, dik il-parti tad-deposizzjoni ta' Joseph Calleja, bin l-attur, (fol. 51) fejn qal li l-ispeed boat kienet ġiet konsenjata xi ħmistax-il ġurnata qabel il-pagament li tiegħu r-riċevuta tinsab a fol. 5, jiġi li l-attur aġixxa fi żmien xi tliet xhur mill-konsenja, u allura l-perijodi preskrittivi jew ta' dekadenza applikabili skond il-każ ma jibqgħux rilevanti għall-każ. Imma mentri l-azzjoni għar-riżoluzzjoni per inadempiment jista' jkollha konsegwenzi *differenti skond jekk ir-riżoluzzjoni tkunx ġiet pattwita espressament* jew baqgħet sempliċement taċita, l-azzjoni rexxissorja imħabba żball u l-azzjoni taħt l-artikolu 1440, apparti minn xi differenzi oħra bejniethom li ma jinteressawx il-każ, ma jippermettux dilazzjoni u jeżiġu dejjem, jekk jiġu akkolti, li kollox jirritorna għal xi stat prestinu.

Fid-definizzjoni ta' din il-kwistjoni l-Qorti għandha fl-ewwel lok tħares fejn it-termini taċ-ċitazzjoni u partikolarment tad-domanda. Minn dawna, il-Qorti setgħet tirrikava żewġ ele-

menti li jixħtu dawl:—

a) bħala "causa petendi" l-azzjoni hija bażata fuq inadempjenza tal-pattijiet miftiehmin, u infatti Dr Fenech kompla jirribadixxi dan mill-bidu nett tat-trattazzjoni tiegħu, meta qal li l-azzjoni hija bażata fuq nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-pattijiet tal-kuntratt;

b) bħala "petitum" d-domanda hija espressament diretta għar-"riżoluzzjoni" tal-bejgħ per mezz tal-analoga dikjarazzjoni. Dina l-lokuzzjoni użata fiċ-ċitazzjoni ġiet ukoll ripetuta fl-aħħar paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-attur, fejn inoltre jingħad li anke l-ittra uffiċjali interpellatorja kellha l-istess oġġett.

Mill-eżami tal-Qorti fuq l-indirizz ġurisprudenzjali lejn il-kwistjonijiet li spiss jinqalgħu meta, fil-bejgħ, il-ħaġa konsenjata ma ikollhiex il-kwalitajiet pattwiti jidher li t-tendenza *pjuttost kostanti f'dawn l-aħħar żminijiet kienet biex l-azzjoni* taħt l-art. 1440 tal-Kodiċi Ċivili tiġi ammessa ndiskriminatament tant jekk ix-xerrej ikun ġià irċeva l-konsenja *tal-ħaġa* kemm le. Hekk jirriżulta mis-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Ellul vs Padovano"** (mutur mhux tajjeb għall-użu ta' van) pubblikata fil-Koll. Vol. 39. i, 250 u **"Sammut vs Grima"** (mutur ta' horse-power inqas minn dik pattwita) pubblikata fil-Vol. 38, ii, 688. L-ewwel waħda minnhom tiċċita in sostenn **"Aquilina vs Mamo"**, Vol. 26, i, (ii), 193. (bejgħ ta' tyres mhux użati li kienu ilhom li ħarġu mill-fabbrika erba' snin meta l-kuntratt kien jispeċifika l-kondizzjoni "brand new"). Bl-istess *mod kienet ukoll ippronunzjat* ruħha dik il-Qorti, fil-ġurisdizzjoni inferjuri tagħha, fil-kawża **"Vincenti vs Mazzitelli"** (Vol. 31, i, 678). Imma l-pronunzjament l-iżjed dirett tal-Qorti tal-Appell fis-sens li l-art. 1440 jibqa' applikabbili anke meta il-konsenja tkun laħqet saret, fis-sentenza importanti **"Buttigieg vs Hirst"** (Vol. 32, i, (i), 163) li kien jirrigwarda bejgħ ta' baqra garantita tqila. Din is-sen-

tenza wara li ġustament tiddistingwi bejn il-vizzju redibitorju u l-inadempjenza fil-kuntratt tikkonkludi wkoll ġustament illi l-kompratur għandu dritt jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt, meta l-oġġett ma jkunx konformi għall-ftehim, avolja jkun irċeva l-oġġett tal-bejgħ, sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-*fatt tiegħu* stess, e.g. li jkun iddispona mill-oġġett.

Kif ingħad, din il-Qorti m'għandha xejn fi ħsiebha li qatt jista' jħalliha f'xi dubbju fuq l-awtorità tal-preċedent fuq imsemmi in kwantu jirrikonoxxi l-applikabilità tar-riżoluzzjoni wara l-konsenja. Imma dak li qiegħed jippreokkupa lil din il-Qorti huwa l-kollokazzjoni tal-azzjoni għar-riżoluzzjoni per inadempjenza, sperimentata wara l-konsenja, taħt l-art. 1440, għax hemm konsegwenzi prattiċi serji nvoluti li jirrigwardaw is-sanzjoni tal-azzjoni. Bir-rispett u d-deferenza kollha din il-Qorti ma taqbilx biss ma' dik il-parti tal-motivazzjoni ta' "Buttigieg vs Hirst" fejn l-azzjoni għar-riżoluzzjoni wara l-konsenja ġiet espressament deskritta (paġ. 167) bħala azzjoni li toħroġ mill-art. 1104 tal-Ordinanza Nru. VII tal-1868, illum art. 1440 tal-Kodiċi, għaliex fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni speċjali taħt din id-disposizzjoni għandha tippreċedi l-konsenja jew almenu tkun konkomitanti magħha jew issir immedjatament fuqha meta l-venditur ikun, per eżempju, bagħat il-ħaġa lill-kompratur mingħajr ma dan ikun ra. Tant jidher ċar mhux biss mill-lokazzjoni espressa tal-liġi "If the thing which the seller offers to deliver", kliem li fit-test Taljan kien jinqara "se la cosa che il venditore si esibisce a consegnare", imma wkoll — u f'dan il-każ, bħala sorġenti ta' interpretazzjoni, si tratta mhux minn sempliċi kwistjoni ta' "heading" imma mill-ordni sħiħa ta' idejat fejn il-leġislatur inserixxa d-disposizzjoni — mill-fatt li l-art. 1440 jinsab imqiegħed fost id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-konsenja jew tradizzjoni tal-ħaġa mibjugħa. Anki mbagħad l-artikolu konness, ċioè l-art. 1457, dwar il-perijodu preskrittiv, isemmi r-"repudiation" jew "recess" mill-kuntratt, li hija ħaġa diffe-

renti mir-riżoluzzjoni tiegħu wara li hu ikun ġia ġie esegwit. Infatti għalkemm fis-sistema modern il-vendità hija perfezzjonata u l-passaġġ tar-riskju tal-ħaġa jiġi operat malli l-partijiet jiftehmu fuq il-ħaġa u l-prezz (art. 1397), u dana ndipendentement mit-tradizzjoni tal-ħaġa, jidher li l-leġislatur introduċa l-art. 1440, li ma jirrikorrix fil-Kodiċi Ċivili Frančiż jew Taljan, biex sa l-aħħar mument qabel il-konsenja jagħti lill-kompratur opportunità, ġustifikata mid-differenza mill-kwalità promessa, biex jiripudja l-kuntratt ġià perfezzjonat, u joħroġ minnu — jikkančellah u b'hekk jevita l-inkonvenjenza tal-pagament u tar-riċezzjoni fiżika tal-paga u r-riskju attendenti l-azzjoni għar-reżoluzzjoni wara li jkun irċieva l-konsenja. U dana b'raġuni tajba, avolja l-oriġini positiva tal-artikolu huwa oskur, għax ir-reċezzjoni tal-konsenja, għad li llum m'għandiex l-importanza li kellha fid-Dritt Ruman għall-perfezzjonament tal-kuntratt, tibqa' dejjem fatt ta' portata ġuridika serja u li minnha tista' għal bżonn anke tiġi inferita r-rinunzja tax-xerrej għall-kwalità li qabel ikun insista fuqha u l-konsegwenti aċċettazzjoni tal-ħaġa fid-difetti tagħha kollha. Mill-banda l-oħra dan l-artikolu għandu ċertu vantaġġ anki għal venditur għax meta l-kompratur joħroġ mill-kuntratt qabel il-konsenja, il-venditur jevita l-inkonvenjent u t-telf li jsofri meta jieħu l-ħaġa lura, fi stat użat, wara r-riżoluzzjoni.

Il-probabilità hija li r-riferenza għall-art. 1440 ma kienetx neċessarja u ġiet indotta mir-riferenza għas-sentenza iżjed antika ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Banchiere Giuseppe Scicluna vs Andrea Fenech**" (Vol. 12 p. 1) magħmula taħt l-istess konsiderandi. Iżda anke kieku wieħed kellu jaċċetta dak il-preċedent tal-1888 bħala korrett, insibu fih stess li, wara l-konsenja, l-ewwel alternativa tal-art. 1440, ma tibqax applikabbili, għax ir-riċezzjoni tikkonferma l-vendità, imma biss it-tieni, ċioè r-ritenzjoni tal-ħaġa bi prezz ridott. U jekk il-pożizzjoni hija din allura l-attur f'din il-kawża mhuwiex suppost li għandu dritt jitlob ir-riżoluzzjoni kompleta,

Minn dana kollu jidher bir-rispett, li għandha ssir distinzjoni fis-sens li l-preċedenti ġudizzjarji tal-grad għola kostitwiti bis-sentenza **"Buttigieg vs Hirst"** u sentenzi oħra bħala speċjalment **"Aquilina vs Mamo"** fuq ċitata għandhom jiġi segwiti in kwantu jammettu *r-riżoluzzjoni tal-bejgħ per inadempienza* anki wara l-konsenja imma mhux in kwantu jikkollokaw l-azzjoni *relativa* taħt l-art. 1440 u dana *anki b'rispett t*al-ekonomija tal-Kodiċi li ċertament ma jħobbx ir-ripetizzjonijiet inutli. L-azzjoni għar-reżoluzzjoni minħabba nadempjenza hija bażata fuq il-prinċipju ġenerali "inademplenti non es ademplendum" u fuq *il*-patt kommissorju taċitu tipiku għall-kuntratt bilaterali kollha (art. 1111). L-art. 1440 għalhekk huwa dispożizzjoni "sui generis" li japplika biss għall-każijiet fih espressament previsti.

Fil-konklużjoni tagħha li l-art. 1440 ma japplikax wara r-reċizjoni tal-konsenja din il-Qorti tidher sorretta mhux biss mill-argumenti fuq miġjuba imma anki minn *indirizz* ieħor tal-ġurisprudenza li jinsab tajjeb eżemplifikat fis-sentenzi **Diacono vs Galea** (Vol. 18, iii, 59), **"Borg vs Gingell" u "Gollcher vs Gingell"** (Vol. 20, i, 273 u iii, 74) u **"Zarb vs Barone Chapelle"** (Vol. 21, i, 399). Fl-ewwel waħda l-Qorti Kummerċjali (presjeduta mill-Imħallef Paolo Debono) kienet ġia mill-1911, spjegat konċisamhent l-elementi tal-azzjoni taħt l-art. 1440 u qalet li dawn huma (1) il-promessa espliċita ta' xi kwalità li l-kompratur kellu speċjalment in mira, u (2) li l-kompratur **ikun għadu ma irċevix** il-ħaġa. Kompliet tgħid li jekk huwa jkun irċevija mingħajr ebda protest, tqum il-presunzjoni li hu soddisfatt, iżda li jekk il-ħaġa tkun laħqet ġiet ikkonsenjata **mingħajr ma jkun hemm x'indizju li l-kompratur approvaha**, il-mankanza ta' xi kwalità **determinanti**, mill-punto di vista tal-kunsens tax-xerrej, tagħti lok għar-rexxissjoni tal-kuntratt. għax dan *ikun fondat fuq żball.*

Iżda fil-każ preżenti li żball jew vizzju tal-kunsens ma

hu bl-ebda mod allegat fiċ-ċitazzjoni u d-deduzzjoni fid-domanda mhix għar-rexxissjoni jew annullament tal-kuntratt, li trid dikjarazzjoni ġudizzjarja "ad hoc" (**Appell, "Agius vs Ciancio"**, Vol. 29, i, 452), imma għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, li għalkemm trid ukoll tiġi dikjarata ġudizzjarjament, hija ħaġa differenti mar-rexxissjoni tant hekk li l-liġi tikkollakhom f'sub titoli differenti. *Infatti* d-differenza hija ċara, in kwantu finnullità l-kuntratt ma jkunx qatt eżista, fir-rexxissjoni, il-kuntratt, għalkemm validu, ikun difettuż u għalhekk annullabili mentri fir-reżoluzzjoni l-kuntratt ikun **perfett** imma sempliċement soġġett għax-xoljiment fil-każ li xi waħda mill-partijiet ma tissodisfax l-obbligazzjoni tagħha. Issa l-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' *kawżali* u *ta'* domandi barra miċ-ċitazzjoni. Il-Qorti għalhekk għandha toqgħod biss fuq il-kawżali tal-inadempjenza fil-kwalità garantita u għad-domanda tar-riżoluzzjoni, li taqa' taħt l-art. 1109 — 1112 tal-Kodiċi.

Is-sentenza **"*Diacono* vs Galea"** fuq ċitata m'għandhiex tinftiehem b'mod li jeskludi l-azzjoni tar-riżoluzzjoni per inadempjenza, il-ewwel lok għax din hija stabilita mill-liġi stess, u l-liġi ħadd ma jista' jiċħadha, u fit-tieni lok għax iż-żewġ azzjonijiet jistgħu jeżistu separatament u tista' tingħażel li waħda jew l-oħra. *Infatti* dik is-sentenza tindika r-rimedju tal-azzjoni tar-rexissjoni *limitatament* għall-ipotesi ta' żball li jkun **determinanti**, mentri f'dan il-każ il-Qorti konfrontata bin-nuqqas tal-allegazzjoni ta' l-iżball, tant fiċ-ċitazzjoni kemm fit-trattazzjoni, lanqas biss ma tista' tidħol biex tara jekk kienx determinanti *imma* għandha tara biss jekk il-kwalitajiet allegati mill-attur kienux verament jassurgu għal, u jiffurmaw. fatti adietti għall-kuntratt, u f'każ affermattiv tiddikjara jekk dawk il-fatti ġewx verifikati.

U tabilħaqq. *in linea* ġenerali, mhux żball ta' sustanza dak li jaqa' biss fuq *il-kwalitajiet* li setgħu jiġu mistħarrġa, u li żball irid ikun skużabili.

Skond il-liġi li żball *tu' fatt ma jġibx in-nullità ħlief meta* jaqa' fuq is-sustanza stess tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-fehim (art. 1019). L-għalqa li xtrat hija dejjem għalqa, più o meno fertili kemm hi, u anke jekk sterili. L-imbid li xtrat huwa dejjem imbid, anke jekk mhux tajjeb daqs kemm ħsibtu. Aċċettata din ir-regola bħala normali, wieħed malajr jara *li* r-riċerka dwar il-verifika *o meno* tal-kwalità promessa tisfuġġi in realtà għat-teorika ta' li żball u iżjed tippresta ruħha għall-esekuzjoni tal-kuntratt, li, jekk ma tkunx konformi għall-konvenzjoni, tagħti lill-parti danneġġata r-rimedju mhux iżjed tar-rexxissjoni imma tar-reżoluzzjoni per inadempjenza. Ix-xerrej jista' ma jkun xejn fi żball, almenu żball fis-sens li trid il-liġi għax ma jkunx ġie effettivament ingannat jew għax ikun xtara bil-għaġla u ittraskura, bħal ma seta' ġara speċji, stante *l*-garanzija *prestata* tal-kwalità, dawk il-mezzi faċili li t-teknika moderna tippresta lu biex jeżamina l-oġġett mixtri, imma hu m'għandux bżonn jallega li żball sostanzjali, determinanti u skużabili li fih ma jkunx waqa', u jibqgħalu dejjem id-dritt li jinvoka permezz tal-azzjoni għar-riżoluzzjoni, kif qiegħed jagħmel l-attur, il-garanzija stipulata. Issa kif intqal iżjed 'il fuq it-terminu taċ-ċitazzjoni jinkwadraw perfettament l-azzjoni għar-riżoluzzjoni.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tirrespinġi l-eċċezzjoni li l-azzjoni mhix ċara, u tiddikjara li l-azzjoni hija *dik tar-risoluzzjoni tal-kuntratt per inadempjenza.*

Ikkunsidrat:—

Illi l-premess ma jfissirx li l-Qorti *m'għandiex teżamina* l-verosimili intenzjoni tal-partijiet meta daħlu, jekk daħlu, fil-patti verbali allegati mill-attur. Anzi kollox jiddependi mill-intenzjoni tal-partijiet magħrufa lil xulxin reċiprokament, biex naraw jekk hux il-veru każ ta' garanzija jew, għall-kuntrarju l-kliem kienux minn dawk li solitament jiġu wżati *mill-bej-*

jiegħa biex jeżaltaw il-preġi tal-oġġetti in vendità u b'hekk jinvolġew lix-xerrejja.

Fuq din il-kwistjoni l-Qorti, wara li eżaminat sew il-verbali tax-xhieda, tikkonkludi fuq il-preponderanza tal-provi dettaljatament u akkuratament miġbura mill-perit tagħha, u nonostante n-negazzjoni tal-konvenut, li fil-fatt huwa ippromettà, kif anke jaqbel il-perit, lill-attur li l-ispeed boat in kwistjoni kellha tissodisfa l-kondizzjonijiet minnu elenkati bl-ittri "a" sal-"f" tal-para. 57 tar-relazzjoni tiegħu ċioè li ħadmet ftit, kienet ġiet reċentement "overhauled", kienet miżmuma fi stat tajjeb, tagħmel siegħa bil-gallun, speed ta' 32 m.p.h. u kellha l-batterija żżomm charge għal ħmistax-il ġurnata, u li dawn il-kondizzjonijiet kienu f'moħħ l-attur mhux bħala "intentio mente retenta", imma debitament kommunikati lill-konvenut meta qallu "jekk inhu kif qiegħed tgħid int, jien nixtriha" (fol. 48), salv però dak li sejjer jingħad 'il quddiem dwar il-batterija.

Kwistjoni oħra li issa trid tiġi eżaminata hija jekk l-attur, mill-konsenja jew f'xi żmien warajha, aċċettax u approvax finalment u definitivament l-ispeed boat, għax jekk ġara dan il-garanzija tispiċċa. Jidher li meta ħareġ daqsxejn biha l-ewwel darba l-attur ma kienx skuntent sa barra b'dak li ra, imma lanqas ma jista' jingħad li kien hemm collaudo definitiv u wara l-ewwel ħarġa li kienet qasira għax l-attur kien fi stat deboli ta' saħħa, mill-ewwel beda l-inkwiet għax il-"hull" kienet tagħmel l-ilma, u l-konvenut ipprova jikkalma lill-attur bill attribwixxa dan il-fatt għall-packing, u kien f'din l-okkażjoni li l-attur ħallsu. Nonostanti dan il-fatt tal-pagament, li għalih il-konvenut insista, il-Qorti ma tistax tara fl-imġieba tal-attur dik ir-rinunzja espressa li l-liġi tesiġi biex dritt jiġi abbandunat. Il-prova relativa tmiss lill-konvenut u dan għandu jġib provi konvinċenti, anzi irrefraġabili fir-rigward, dak li huwa m'għamilx. Din il-prova lanqas ma tirriżulta mill-paga-

ment għax il-kuntratti jridu jiġu esegwiti in buona fede u l-garanzija tal-konvenut ma kelliex isservi biss sa kemm l-attur ħareġ ta' raġel u ħallsu ħmistax-il ġurnata fuq il-konsenja, meta difetti ħlief l-ilma kienu għadhom ma ħarġux, imma kellha isservi għal żmien apprezzabili. Kien wara l-pagament li l-attur, permezz ta' ibnu, beda jipprova jagħmel użu iżjed spiss mill-ispeed boat, ħaġa wisq verosimili għax f'Mejju, meta, kien sar il-pagament, is-sajf ikun għadu ma daħalx sew, u li speed-boats, jintużaw fis-sajf. Hawnhekk il-funzjonament ta' l-ispeed boat beda iżjed jagħti x'jaħseb u fl-aħħar spiċċat biex waqfet. B'dan il-Qorti ma tridx tgħid li kienet inservibili jew li ma kienetx fi stat moderatament tajjeb u tollerabili, imma li, bħal ma perjodikament jiġrilu kwalunkwe makkinarju, kien desiderabili, fl-opinjoni tal-Qorti, għalkemm forsi mhux essenzjali, li tiġi "overhauled", biex min mhux espert ħafna, bħal ma forsi kieku l-attur u ibnu, ikunu jistgħu jsuquha b'moħħhom mistrieħ li ma jifqux f'nofs ta' baħar. Hawnhekk tassumi importanza ikbar, kienet jew ma kienetx strettament neċessarja, il-kondizzjoni tal-"overhaul", għax l-attur ma kellux għalfejn jikkollawda li speed boat meta kellu dik il-garanzija u fil-fatt dak li sar ma jammontax għall-"collaudo". Il-mechanic stess li ġieb il-konvenut lanqas ma daħal fiha u baqa' l-art, u mingħajr ma jqabbad espert l-attur ma setax jikkollawdaha, ammenoke ma tiġix aċċettata l-ipotesi inverosimili li l-attur irrinunzja għall-garanzija b'sempliċi ħarġa. Għalhekk, il-Qorti tirrespinġi wkoll l-eċċezzjoni li l-ispeed boat kienet ġiet kollawdata.

Wara dan il-Qorti għandha teżamina jekk *il-fatti adietti* kienux ġew ademjenti. Din hija kwistjoni teknika ħafna għax li speed boats huma mekkaniżmu u apparat delikat li jridu jsofru l-logoriju tal-baħar. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija obbligata tagħti ħafna importanza lill-perizja. Il-perit wasal għall-konklużjoni li mentri l-kondizzjonijiet (a), (c) u (e) ġew osservati, u mentri l-attur ma ġiebx prova fuq il-kondiz-

zjoni (d), il-kondizzjoni (b) tal-"overhaul" ma ġietx verifikata. Fuq din il-Qorti però tosserva a propositu tar-rimarka tal-perit li l-"overhaul" kien għadu ma sarx neċessarju meta sar in-negozju (para. 45 relaz) li hawnhekk il-punt mhuwiex jekk l-overhaul kienx neċessarju imma jekk kienx sar. Dana jista' jingħad mhux bħala kritika għall-adegwatezza teknika tal-perizja għax dan mhux punt tekniku imma punt ta' liġi jew almenu ta' loġika. Il-perit inoltre irrelata li lanqas il-kondizzjoni (f) dwar il-batterija ma kienet ġiet soddisfatta.

Il-prova ta' l-ewwel mankanza hija ċara u tirriżulta middepożizzjoni ta' l-istess mekkaniku tal-konvenut (fol. 57).

Il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument avanzat fit-trattazzjoni li sempliċi "servicing" staġjonali jammonta għall-"overhaul", għax kif tajjeb issottometta l-perit, dan jirrikjedi li l-makkinarju jiġi żarmat u eżaminat biċċa biċċa, biex dawk il-"parts", anki żgħar, minnu li mhumiex fi stat tajjeb, kif irriżulta li hemm, jiġu rikambjati b'ġodda. In-nuqqas ta' ritenzjoni ta' "spark" fil-batterija, kif ukoll issottometta l-perit (relaz. para. 51-52), tista' tiġi rimedjata. Imma l-Qorti hawnhekk taqbel miegħu ukoll li jistgħu jkun hemm ċirkostanzi estranei li jaffettaw ir-reżistenza tal-batterija u għalhekk dina il-kondizzjoni m'għandiex tittieħed "ad litteram" fis-sens li l-batterija kellha iżżomm l-ispark għall-ħmistax-il ġurnata u mhux għal xi ġranet inqas. Imma bħala sempliċi ftehir tal-konvenut, u,bħala espressjoni x'aktarx użata "kif iġġib il-kelma", għandha tiġi interpretata skond l-intenzjoni komuni presumibili tal-partijiet, fis-sens limitat u li l-konvenut għandu jipprovdi batterija tajba bħal ta' "speed boats" oħra simili u li l-partijiet l-oħra konnessi tal-makna jkunu jippermettu li l-batterija ma taqax iżjed malajr milli jsir ordinarjament.

Minn dana jitnissel li l-konvenut adempixxa l-maġġor parti tal-kondizzjonijiet promessi imma mhux kollha, senjata-

ment dik dwar l-"overhaul", u fil-grad ristrett fuq imsemmi, dik *tal-batterija*.

Minn naħa l-oħra l-partijiet ma stipulawx espressament ir-riżoluzzjoni, fil-każ ta' inadempjenza, u għalhekk japplika l-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li jekk xi parti tonqos għall-obbligazzjoni tagħha l-kuntratt ma jinħalx "ipso jure" u l-Qorti tista' skond ċ-ċirkostanzi, tagħti żmien xieraq lill-konvenut għal adempiment komplet tal-obbligi tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi *tal-każ il-Qorti jidhrilha li huwa prattiku u ġust li* ma tisfrattax kollox, għax li ammenokke l-konvenut ma jittraskurax l-opportunità li sejra tingħatalu, għax li speed boat kienet tajba u *jonqosha biss l-"overhaul"* u *batterija* aħjar wara li jiġu mneħħija d-difetti tas-setting tal-cut-out jew tas-slipping taċ-ċinga osservata mill-perit (para. 52).

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, previa l-okkaljiment tar-relazzjoni peritali sa fejn ma hux inkonsistenti mal-premess, u salvo r-riġett tal-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet kontenuti fil-korp ta' dina s-sentenza, tilqa' d-domandi tal-attur, kompriża dik tad-dikjarazzjoni tal-validità tad-depożitu ta' l-ispeed boat taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, bir-riservi kollha *imsemmija fiċ-ċitazzjoni favur l-attur, iżda tuża d-diskrezzjoni* lilha akkordata bl-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili u tordna li din is-sentenza ikollha l-effett tagħha biss jekk il-konvenut fi żmien sitt ġimgħat *mill-lum jonqos* li a spejjeż tiegħu u permezz ta' *mekkaniku espert li jiġi miftiehem mill-partijiet*, u in *difett* jiġi nominat mill-Qorti fuq rikors, jġiegħel li speed boat in kwistjoni tiġi "overhauled" sewwa u skond l-arti u l-batterija, li f'kas li jiġi konstatat il-bżonn mill-mekkaniku għandha tinbidel, tiġi mqegħda fi stat tajjeb ordinarju ta' funzjonament anke f'kas ta' bżonn permezz tat-tneħħija tad-difetti mekkaniċi l-oħra indikati mill-perit fil-paragrafu 52 tar-relazzjoni tiegħu. Iż-żmien fuq imsemmi ikun prorogabili għal darba waħda fuq ġusta kawża u għandu jibqa' intiż li l-konvenut m'għan-

dux ikun responsabbli tad-deterjorazzjonijiet talvolta averati fil-"hull" ta' l-ispeed boat jew fil-makkinarju tagħha minħabba nuqqas ta' manutenzjoni tajba waqt iż-żmien li baqgħet in depożitu.

Li spejjeż jitħallsu kif sejjer jingħad:—

a) Dawk tar-riġett tal-eċċezzjoni li l-azzjoni mhix ċara, u tad-dikjarazzjoni dwar in-natura tal-azzjoni, stante n-natura tal-kwistjoni dibattuta, jibqgħu bla taxxa, bid-dritt tar-Reġistru għall-konvenut;

b) Dawk *tar-riġett tal-eċċezzjoni tal-"collaudo"* jitħallsu mill-konvenut.

c) Li spejjeż l-oħra, kompriżi l-ispejjeż tal-perizja, jitħallsu kwantu għall-kwart (¼) mill-attur u kwantu għal tlett kwarti (¾) mill-konvenut, u dana peress li l-attur, bil-fatt tiegħu li irreklama fuq il-kondizzjonijiet kollha promessi kabbar iktar milli kien neċessarju il-kamp tal-indaġini.